TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Enrique Sacco

vs

Sky People

CCT 166/17

19 ta' Frar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Settembru 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' tlett mija u hamsin Euro (€350.00) depozitu fuq kors tal-avjazzjoni, ikkuntrattat mal-azjenda intimata liema kors gie terminat mir-rikorrent wara nuqqasijiet da parti tal-azjenda intimata.

Ra illi l-azjenda intimata, debitament notifikata fid-29 ta' Settembru 2017, ma dahlitx risposta u l-anqas ma deheret ghas-seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema r-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi f'xi zmien fit-2016, ir-rikorrent ikkuntattja l-azjenda intimata sabiex jiehu kors tal-avjazzjoni ghall-licenzja ta' pilota. Dan il-kors kien jiswa tlettax - il elf Euro, izda mal-booking ir-rikorrent hallas tlett mija u hamsin (350.00) bhala depozitu. L-ewwel lezjoni kellha tkun fl-24 ta' Ottubru 2016 fil-17.00hrs izda l-instructor kien cempel lir-rikorrent u qallu li l-lezjoni kienet giet postposta ghas-18.00hrs. Ir-rikorrent mar GATE 1 tal-MIA fil-hin appozitu biex jaccedi ghall-iskola, izda sab illi ismu ma kienx prenotat mas-security u ghalhekk ma thallhiex jidhol fl-ambjenti tal-ajruport fejn kien hemm l-iskola. Wara hafna hin, fl-18.22 hrs, thalla jidhol, izda fl-iskola ma kienx hemm kotba disponnibbli u skond ir-rikorrent minn din il-lezjoni ma ha xejn. Ghall-gimgha ta' wara ir-rikorrent talab li jkollu lectures filghodu ta' mhux anqas minn erba' sieghat u ghall-ewwel gie moghti x'jifhem illi dan kien possibbli. Izda meta l-instructor ibbukkjalu l-lectures, dawna kienu kollha

filghaxija u l-hin kien ivarja minn saghtejn sa' tlett sighat u nofs li ma kienx komdu ghar-rikorrent.
Peress illi r-rikorrent kien dizappuntat bis-servizz offrut mill-azjenda intimata iddecieda li ma jkomplix bil-kors u talab ir-rifuzjoni tad-depozitu li kien hallas.

Illi l-azjenda intimata irrifjutat li thallas u ghalhekk irrikorra ghal dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Kif inghad aktar 'il fuq minkejja illi l-azjenda intimata giet notifikata dina ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrent u r-rapprezentant taghha l-anqas ma deher quddiem dan it-Tribunal. Minkejja li gew prezentati xi ittri minghand is-socjeta' intimata, dawn ma gewx konfermati bil-gurament u ghalhekk ma jistax jitqiesu bhala provi quddiem dan it-Tribunal. Ghalhekk it-tribunal baqa' biss bil-versjoni guramentata tar-rikorrent, li fic-cirkostanzi hi affidabbli u verosimili. Jidher ukoll illi l-versjoni moghti mir-rikorrent hija korroborata minn email mibghut lil rikorrent minn Patrick Murgo (email address patrickmurgo@maltaairport.com) fejn dan ikkonferma illi fl-24 ta' Ottubru 2016, persuna bl-ID 424296 (ir-rikorrent) dahlet l-MIA mill-Gate 1 @ 18.22 hrs u harget 21.20. Dana ikompli jinduci lit-Tribunal favur ir-rikorrent.

Fin-nuqqas ta' kull prova legali ohra, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jiqa' t-talba tar-rikorrent, jikkundanna lill-azjenda intimata li tirrifondilu s-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350.00), kif fuq inghad. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru